**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 10 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 63/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**
**(Spettur Marshal Mallia)**

**kontra**

**Mario Roberts**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Mario Roberts** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Paul u Carmen nee' Cutajar, imwieled il-Pieta' fis-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), residenti fl-indirizz numru wieħed (1), Triq il-Ħabs l-Antik, l-Isla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14097M, li ġie mressaq quddiemha u akkużat talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew għall-użu ta' persuna jew persuni, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u

mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgħa (4) tar-Regolamenti tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**3.** Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**4.** Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

[1] A fol 249 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 5 tal-atti proċesswali

Semgħet fis-seduta ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu[3];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), id-difiża talbet lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga;

Rat illi permezz ta' digriet ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ai termini ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga[4];

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), minn fejn jirriżulta li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess[5];

Semgħet id-depożizzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u rat li ma kinetx tirriżulta l-ħtieġa li din il-Qorti ssejjaħ kawżi oħra rigwardanti l-imputat[6];

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti;

[3] A fol. 16 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 257 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 268 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 272 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

L-**Ispettur Frank Anthony Tabone** xehed nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju, tas-sena elfejn u dsatax (2019)[7] fejn stqarr li kellu informazzjoni li kien qed isir traffikar ta' droga minn ġewwa *New Life Bar*, Bormla. Għalhekk kien ta struzzjonijiet sabiex membri ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga imorru fl-istess fond u jagħmlu tfittxijiet. Nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tad-disgħa u nofs (9:30) l-imsemmija membri ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga marru fuq il-post u appena daħlu sabu lil ċertu Carmelo Dalli li ġie nfurmat li kien nħareġ mandat sabiex tkun tista' ssir tfittxija fil-post. Igħid li minn hemmhekk ġew elevati xi sustanzi suspettati droga, kif ukoll dokumenti bħal *notebooks* li setgħu kienu relatati ma traffikar ta' droga u dan għaliex fin-notamenti kien hemm xi isimijiet, kif ukoll figuri. Ġew elevati ukoll affarijiet elettroniċi minn wara l-*bar*. Igħid ukoll li minn tfittxija li saret fuq ir-raf li kien hemm ġewwa l-istess fond, li kien hemm aċċess għalih permezz ta' sellum, nstabu xi sustanzi oħra suspettati droga, kif ukoll affarijiet oħra relatati mat-traffikar tad-droga.

L-Ispettur Tabone jixhed li waqt li kienu qed isiru dawn it-tfittxijiet, marru fuq il-post ċertu Charlston Cassar, Tristan Cassar, Lee Julian Cassar, kif ukoll Mario Roberts li għaraf bħala l-imputat fl-awla. Dawn il-persuni kollha ġew arrestati rigward din l-investigazzjoni. L-Ispettur Tabone jgħid li huwa kien informa lil Maġistrat ta' l-għassa, il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Josette Demicoli bis-sejba tas-sustanzi u infetħet inkjesta, fejn ġew nominati numru ta' esperti.

Ix-xhud jispjega li dawn il-persuni ittieħdu lkoll il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u ġew interrogati minnu wara li ngħataw s-solita twissija u wara li ngħataw id-drittijiet tagħhom li setgħu jikkonsultaw ma avukat, kif ukoll jkollhom avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni. Igħid li wara li l-imputat Mario Roberts ingħata ittra bid-drittijiet tiegħu, u wara li kien spjegalu d-drittijiet tiegħu, l-imputat kien rrilaxja stqarrija nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax

[7] A fol. 20 tal-atti proċesswali

(2017) u dan wara li kien iffirma dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali kemm qabel u anke waqt l-istqarrija. Ix-xhud eżebixxa d-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali[8] u fuqha għaraf il-firma tiegħu, il-firma ta' WPS 238 Monica Chircop u l-firma ta' PC 1065 Neville Grech li kienu preżenti għal din id-dikjarazzjoni, kif ukoll il-firma tal-imputat innifsu. Huwa eżebixxa ukoll l-istqarrija tal-imputat[9], li fuqha għaraf il-firma tiegħu u l-firma ta' WPS 238 Monica Chircop. L-imputat kien għażel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

L-Ispettur Tabone jispjega li sussegwentement l-imputat kien ingħata *police bail* u nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), reġa' ġie msejjaħ l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar stħarriġ. Igħid li l-imputat reġa' ngħata Ittra bid-Drittijiet tiegħu, li reġgħu ġew spjegati lilu u huwa kien għażel li ma jikkonsultax ma avukat qabel l-istqarrija u li ma jkollux avukat preżenti waqt l-istqarrija. Huwa eżebixxa dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali[10], fuq liema dikjarazzjoni huwa għaraf il-firma tiegħu, il-firma ta' WPS 238, ta' WPC 284 u l-firma tal-imputat. Nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tal-ħdax neqsin għoxrin ta' filgħodu (10:40 a.m), l-imputat irrilaxxja stqarrija oħra li giet ukoll eżebita u li fuqha l-istess xhud għaraf il-firma tiegħu u l-firma ta' WPS 238[11].

Ix-xhud jispjega li s-sustanzi ġew elevati minn fuq il-post mill-Uffiċjali tax-Xena tar-Reat li kienu nħatru fl-inkjesta u min-naħa tagħhom kienu għaddew is-sustanza lill-espert nominat fl-inkjesta. Igħid li l-*mobile phones* li ġew elevati ngħataw ukoll lill-esperti nominati.

L-Ispettur Frank Anthony Tabone reġa' xehed nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019)[12] u eżebixxa miżien diġitali u erba' kotba, liema oġġetti jgħid li ġew elevati minn *New Life Bar* nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) dakinhar li saret it-tfittxija. Igħid li dawn l-oġġetti ġew mgħoddija lilu minn PC 118 u minn PC 673 x'ħin lestew it-tfittxijiet u rritornaw lura fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija[13].

---

[8] 'Dok FT 1' a fol. 24 tal-atti proċesswali
[9] 'Dok FT 2' a fol. 25 tal-atti proċesswali
[10] 'Dok FT 3' a fol. 27 tal-atti proċesswali
[11] 'Dok FT 4' a fol. 28 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 87 tal-atti proċesswali
[13] Dawn l-oġġetti ġew immarkati bħala 'Dok FT 5'.

Ġie eżebit il-***proces verbal*** dwar tfittxija ġewwa stabbiliment bl-isem ta' *New Life* Bar sitwat f'Misraħ Gavino Gulia, Bormla, li ġie redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Josette Demicoli nhar is-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019)[14]. Jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti kienet innominat lis-segwenti esperti:- Godwin Sammut bħala espert spiżjar, PS 637 Kevin Manicolo u WPC 369 Stephanie Cassar bħala esperti tax-Xena tar-Reat, PC 1362 Jonas Pavel Schembri sabiex jeleva l-*fingerprints*, Dr. Martin Bajada bħala espert tekniku u Joseph Mallia sabiex jeleva kopja tal-marki tal-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn ta' Julian Cassar, Mario Roberts u Carmelo Dalli. Din il-Qorti kkonfermat il-ħatra tal-esperti nominati fl-inkjesta bħala esperti f'dawn il-proċeduri[15].

**Joseph Mallia** espleta l-inkarigu li kien ġie mogħti lilu u preżenta r-relazzjoni tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti[16]. Minn eżami tar-relazzjoni tiegħu jirriżulta li huwa kien eleva kopja tal-marki tal-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn ta' Julian Cassar, tal-imputat Mario Roberts u ta' Carmelo Dalli. Il-formoli tal-impronti diġitali u l-formoli tal-marki tal-idejn ġew eżebiti flimkien mar-relazzjoni tiegħu[17]. Joseph Mallia xehed quddiem din il-Qorti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Huwa rrefera għar-relazzjoni tiegħu preżentata in atti u kkonferma li l-impronti preżentati flimkien mal-istess relazzjoni kien ħadhom hu u kien eżebihom quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

L-espert **Godwin Sammut** xehed nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019)[18] u preżenta r-relazzjoni tiegħu[19]. Minn eżami tar-relazzjoni tiegħu jirriżulta li nhar it-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa ġie mogħti sitt (6) dokumenti mingħand PS 637 Kevin Manicolo:-

[14] A fol. 35 tal- Atti processwali
[15] A fol. 51 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 40 tal-atti proċesswali
[17] 'Dok JC 1', 'Dok JC 2', 'Dok MR 1', 'Dok MR 2', 'Dok CD 1' u 'Dok CD 2'
[18] A fol. 53 tal-atti proċesswali
[19] 'Dok GS 1' inserita a fol. 56 tal-atti proċesswali

*"068_19_01* *Evidence bag bin-numru* ***S0811963*** *u mmarkat* ***17 BHA 201*** *li fih* ***borża tal-plastik li kien fiha sustanza ta' lewn kannella.***

*068_19_02* *Evidence bag bin-numru* ***S0812014*** *u mmarkat* ***17 BHA 202*** *li fih* ***sustanza ta' lewn bajda.***

*068_19_03* *Evidence bag bin-numru* ***S0812015*** *u mmarkat* ***17 BHA 203*** *li fih* ***biċċa plastik trasparenti u trab ta' lewn abjad.***

*068_19_04* *Evidence bag bin-numru* ***N05244286*** *u mmarkat* ***17 BHA 204*** *li fih* ***(i) imqass (ii) sikkina żgħira u (iii) peeler.***

*068_19_05* *Evidence bag bin-numru* ***S00811989*** *u mmarkat* ***17 BHA 206*** *li fih* ***miżien ta' lewn iswed li fuqu hemm xi traċċi.***

*068_19_06* *Evidence bag bin-numru* ***N05244159*** *u mmarkat* ***17 BHA 207*** *li fih* ***pakkett tal-kartun bil-kliem Glucose li ġo fih hemm borża tal-plastik li fiha trab ta' lewn abjad.***

L-espert Godwin Sammut għamel l-analiżi fuq estratti meħuda minn dawn id-dokumenti u mir-riżultanzi miksuba huwa kkonkluda:

*(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti immarkati 068_19_02 u 068_19_03 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż totali tat-trab kien ta' 3.78 grammi u l-purita' kienet ta' ċirka 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(b) Illi fuq swab meħuda minn fuq il-miżien li hemm fid-dokument 068_019_05 instabet is-sustanza Kokaina.*

*(c) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument immarkat 068_19_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż total tas-sustanzi kien ta'*

*36.37 grammi u l-purita tat-THC kienet ta' circa 21%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(d) Illi fuq swab meħuda minn fuq l-imqass, sikkina u peeler li hemm fid-dokument 068_19_04 ma nstabux sustanzi illeċiti.*

*(e) Illi fuq estratt meħud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fil-kaxxa bil-kliem Glucose ma nstabux sustanzi illeċiti."*

Id-dokumenti kollha li kienu ġew mogħtija lill-espert Sammut sabiex jagħmel l-analiżi ġew preżentati flimkien mar-relazzjoni tiegħu.

L-espert Godwin Sammut, reġa' xehed nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dan wara li nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-inkarigu tiegħu kien ġie estiż minn din il-Qorti sabiex jistabilixxi l-valur tas-sustanzi eżaminati. Huwa jgħid li skond ir-relazzjoni li kien eżebixxa l-piż tad-droga Kokaina kien dak ta' tlieta punt sebgħa tmienja grammi (3.78g) u l-valur tagħha skond il-*Malta Country Drug Report* huwa ta' bejn tmintax u tmenin euro kull gramma, u għalhekk igħid li l-valur tad-droga kokaina misjuba huwa dak ta' bejn tmienja u sittin ewro u erbgħa ċenteżmi (€68.04) sa tliet mija u żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€302.40). Igħid li fil-konklużjoni tar-rapport tiegħu, kien hemm ukoll sitta u tletin punt tlieta sebgħa grammi (36.37g) Tetrahydrocannabinol. Jispjega li skond l-istess *Malta Country Drug Report,* il-valur tal-*cannabis resin* huwa bejn ħmistax u tletin ewro kull gramma u għalhekk il-valur tad-droga *cannabis* misjuba huwa dak ta' bejn ħames mija u ħamsa u erbgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€545.55) u elf u wieħed u disgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€1091.11). Huwa ppreżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok GS2'[20].

**PC 1124 Steve Borg[21]** stazzjonat l-Iskwadra ta' kontra d-Droga, xehed nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u spjega li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fuq struzzjonijiet tal-

[20] A fol. 95 et seq tal-atti proċesswali
[21] A fol. 78 tal-atti proċesswali

Ispettur Frank Anthony Tabone, huwa mar flimkien ma kollegi tiegħu, u flimkien mal-Membri tar-*Rapid Intervention Unit* ġewwa *New Life Bar* li jinsab Bormla, sabiex jeżegwixxu mandat. Huma marru hemmhekk għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u nofs (9.30 a.m) u l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.). Meta daħlu sabu lil ċertu Carmelo Dalli li kien fil-kumpanija ta' persuna oħra. Igħid li huwa beda tfittxija fuq in-naħa tax-xellug, fejn kien hemm il-kċina u fuq in-naħa tal-lemin tal-kċina, sab kontenitur tal-plastik, li fil-kantuniera tiegħu sab borża li kien fiha sustanza kannella suspettata *cannabis resin*. Igħid li sab ukoll miżien wara l-*counter*. Fl-entratura tal-bieb instabu ukoll xi *drillers* u kif tela' fuq kien hemm mejda u fuqha kien hemm blokka żgħira ta' kulur abjad suspettata kokaina. Kien hemm ukoll traċċi ta' l-istess sustanza mifruxa fuq il-mejda, kantunieri ta' boroż maqtugħin u kien hemm borża waħda b'kantuniera maqtugħa li kellha xi sustanza bajda ġo fiha suspettata Kokaina. Igħid li sab ukoll *peeler*, żewġt iskieken u miżien żgħir. Jispjega li huma ssiġillaw kollox u fuq il-post marru tal-forensika u huma niżlu lura l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Ix-xhud igħid li f'xi ħin mar Mario Roberts fuq il-post u jaf li ngħata l-*caution*. Huwa għaraf lill-imputat preżenti in awla bħala Mario Roberts li kien preżenti dak in-nhar li għamlu t-tfittxija ġewwa l-imsemmi fond. In kontro-eżami, huwa jikkonferma li meta huwa u l-kollegi tiegħu waslu fuq il-post, huwa ma rax lill-imputat. Igħid li huma damu siegħa żgur fuq il-post, iżda ma jiftakarx fi x'ħin kien mar l-imputat. Igħid u jikkonferma li hu fil-fatt bilkemm rah lill-imputat u ma kellmux.

**PC 118 Eman Joe Borg**[22] stazzjonat l-Iskwadra ta' kontra d-Droga, xehed nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u kkonferma li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa flimkien ma membri oħra ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga u membri tar-*Rapid Intervention Unit*, marru sabiex jeżegwixxu mandat fin-*New Life Bar* ġewwa Bormla. Mal-wasla tagħhom il-persuna li kienet qed tieħu ħsieb il-*bar* kien Carmelo Dalli. Hemmhekk bdew it-tfittxija. Igħid li hu tela' fuq u rriżulta li fuq mejda kien hemm biċċa blokka bajda suspettata Kokaina, trab abjad suspettat Kokaina, boroż bil-kantunieri maqtugħin, sikkina bi traċċi, imqass, miżien,

[22] A fol. 81 tal-atti proċesswali

*glucose powder* u *driller* mal-art. It-tfittxija tkompliet isfel fil-*bar* u fil-kċina nstabet biċċa blokka suspettata raża tal-Cannabis. Fil-bar instab ukoll miżien, diversi notamenti u żewg *drillers*. Igħid li waqt li kienu qed jagħmlu t-tfittxija daħlu numru ta' persuni li ukoll ġew arrestati, fosthom Mario Roberts li għaraf preżenti fl-awla bħala l-imputat li malli daħal ħa r-responsabbilita tagħhom hu. Igħid li huma ċemplu lill-Uffiċjali tax-Xena tar-Reat, li marru fuq il-post u ġibdu numru ta' ritratti u elevaw l-affarijiet kollha u minn hemmhekk skortaw lil kulħadd lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar investigazzjoni.

<u>In kontro-eżami</u> jgħid li l-mandat li kellhom kien mandat sabiex jagħmlu tfittxija fil-bar. Mistoqsi b'liema mod l-imputat kien assuma r-responsabbilita' meta mar fil-bar, jispjega li waqt li kienu qed jagħmlu t-tfittxija daħal l-imputat u x'ħin daħal stqarr li kien qed jieħu r-responsabilita' tagħhom hu. Mistoqsi l-imputat kemm dam sabiex mar fuq il-post wara li kienu waslu huma, igħid li huma kienu ilhom li bdew it-tfittxija, għax kienu lestew it-tfittxija fuq u kienu waslu fl-aħħar tat-tfittxija fis-sular ta' isfel. Huwa jikkonferma li l-imputat mar fuq il-post xi sagħtejn wara li bdew it-tfittxija. Igħid li fil-bidu meta marru fuq il-post kien hemm Carmelo Dalli u xi nies anzjani li kienu qegħdin jieħdu l-kafe. Mistoqsi jekk il-kamra ta' fuq li fiha saret it-tfittxija, kinitx aċċessibli għal kulħadd, huwa jispjega li kien hemm *lift* li ma jintużax, pero kien hemm sellum impoġġi li titla' minnu. Huwa kkonferma li sabiex titla' għal din il-kamra trid titla' minn sellum.

**PC 673 Kevin Muscat**[23] stazzjonat l-Iskwadra ta' kontra d-Droga, xehed nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u kkonferma li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), fuq struzzjonijiet mogħtija lilu mill-Ispettur Frank Anthony Tabone, mar fil-fond *New Life Bar*, flimkien mal-kollegi tiegħu. Hemmhekk sabu lil Carmelo Dalli. X'ħin ġie mistoqsi x'kien qed jagħmel, Carmelo Dalli kien stqarr magħhom, li kien mar hemmhekk minflok ibnu li huwa wieħed mis-sidien, u li kien qiegħed inaddaf. Igħid li Carmelo Dalli beda jipprova jikkuntattja lill-ibnu, pero ma sar l-ebda kuntatt. Ftit wara bdew it-tfittxija, u nstabu żewg *drillers* u notebook li kien fih xi notamenti. Igħid li ħafna iktar tard mar fuq il-post Mario Roberts, li x-xhud għarfu fl-awla bħala l-imputat, li stqarr li l-affarijiet kienu kollha tiegħu.

[23] A fol. 85 tal-atti proċesswali

**PC 637 Kevin Manicolo**[24] xehed nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u stqarr li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m), huwa kien ġie nfurmat mill-Ispettur Frank Anthony Tabone illi kienet saret sejba ta' sustanza ġewwa l-fond *New Life Bar* ġewwa Bormla. Huwa rrikorra fuq il-post dakinhar stess għal xi l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m). Igħid li fuq il-post sab membri tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga u tar-*Rapid Intervention* Unit li kienu qegħdin jagħmlu tfittxija. Minn fuq il-post huwa eleva s-segwenti oġġetti :-

| | |
|---|---|
| *"17 BHA 201* | *Borża tal-plastik kontenenti sustanza suspettata illegali misjuba ġewwa l-bar.* |
| *17 BHA 202* | *Sustanza bajdanija maħsuba illegali, misjuba fis-sular ta' fuq tal-bar.* |
| *17 BHA 203* | *Pakkett kontenenti sustanza bajdanija suspettata illegali misjuba fis-sular ta' fuq.* |
| *17 BHA 204* | *Mqass bil-manku aħdar, peeler u sikkina bil-manku iswed, suspettati bi traċċi.* |
| *17 BHA 205* | *Kaxxa tal-plastik ta' lewn oranġjo u tmien kantunieri ta' boroż tal-plastik.* |
| *17 BHA 206* | *Miżien diġitali maħsub bi traċċi ta' sustanza illegali misjuba fis-sular ta' fuq tal-bar.* |
| *17 BHA 207* | *Pakkett kontenenti sustanza bajda, bil-kliem glucose powder fuqu."* |

Illi ġewwa l-Laboratorju tax-Xjenza Forensika, huwa għamel eżamijiet fuq id-dokument 17 BHA 205 għall-preżenza ta' impronti diġitali, liema riżultati kienu kollha fin-negattiv. Illi sussegwentement huwa għadda d-dokumenti 17 BHA 201,

[24] A fol. 97 tal-atti proċesswali

17 BHA 202, 17 BHA 203, 17 BHA 204, 17 BHA 206 u 17 BHA 207 lill-espert Dr. Godwin Sammut. Huwa ppreżenta r-relazzjoni tiegħu[25] u eżebixxa ukoll id-dokument 17 BHA 205.

**WPC 369 Stephanie Cassar[26]** xehdet nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u kkonfermat li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m), hija kienet ġiet infurmata mill-Ispettur Frank Anthony Tabone sabiex taċċedi fil-fond *New Life Bar* ġewwa Bormla. Għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 a.m.), hija aċċediet fuq il-post  flimkien ma PS 637 Kevin Manicolo. Preżenti fuq il-post kien hemm il-membri tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga PC 1124 Steve Borg u PC 118 Eman Joe Borg, flimkien ma xi membri tar-*Rapid Intevention Unit*, kif ukoll ċertu Charlston Cassar u Karmenu Dalli. Ix-xhud tgħid li ġew indikati lilhom żewġ kmamar fis-sular t'isfel li fihom instabu xi sustanzi suspettati illegali u ġiet indikata ukoll kamra fl-istess fond li kienet tidher li kienet tintuża bħala *store* li fiha ġew indikati varji oġġetti maħsuba li huma relatati mat-traffikar tad-droga. Hija ġibdet ħamsa u sittin (65) ritratt li ppreżentat flimkien mar-relazzjoni tagħha.[27]

**Julian Cassar[28]**, iben Carmelo Dalli, xehed nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, tas-sena elfejn u dsatax (2019) wara li ngħata t-twissija li huwa għandu d-dritt li ma jixhidx, stante li bir-risposti tiegħu jista' jinkrimina ruħu. Huwa għażel li jixhed u stqarr li meta l-Pulizija marru fil-post, *New Life Bar*, ġewwa Bormla nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa personalment ma kienx hemm. Wara ċemplulu sabiex jinżel fuq il-post u niżel fuq il-post. Igħid li l-Pulizija għamlu t-tfittxija tagħhom. Mistoqsi x'sabu igħid li ma jafx. Il-Pulizija bdiet bit-tfittxija qabel ma wasal hu fuq il-post. Jaf li spiċċa arrestat u ttieħed il-*lock up*. Igħid li dak iż-żmien tat-tfittxija l-*bar* kien f'idejh u għalhekk bagħtu għalih il-Pulizija. Ma jiftakarx min kien hemm dakinhar fil-bar apparti missieru Carmelo Dalli. Mistoqsi min hu l-imputat jgħid li jismu Mario u dan kien imur fil-bar regolarment.

---

[25] 'Dok KM 1' inserita a fol. 99 tal-atti proċesswali
[26] A fol. 106 tal-atti proċesswali
[27] 'Dok SC 1' a fol. 108 et seq tal-atti proċesswali
[28] A fol. 146 tal-atti proċesswali

**PC 813 Clinton Vella**[29] xehed fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u stqarr li huwa kien ingħata tlett (3) esebiti li kienu jikkonsistu fis-segwenti :-

| | |
|---|---|
| *"068_19_01FP (17 BHA 201)* | *Żewġt (2) boroż tal-plastik trasparenti.* |
| *068_19_03FP (17 BHA 203)* | *Żewġt (2) boroż tal-plastik trasparenti* |
| *068_19_05FP (17 BHA 206)* | *Miżien bil-kliem 'OHAUS'".* |

Minn eżami tar-relazzjoni preżentata mix-xhud jirriżulta li mill-analiżi li saret ma nstabet l-ebda mpronta viżibbli.

**Eunice Grech Fiorini**[30], Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, xehdet nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u ppreżentat sentenza mogħtija minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasquale nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Tgħid li l-multa ta' mija u ħamsin ewro (€150) li kienet ġiet imposta permezz tal-imsemmija sentenza għada mhux imħallsa. Hija ppreżentat kopja ta' din is-sentenza li ġiet immarkata bħala 'Dok EGF1' u l-*Fines Report* li ġie mmarkat bħala 'Dok EGF2'.

**Dr. Martin Bajada** xehed nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020)[31] u preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok MB 1'. Minn analiżi tar-relazzjoni jirriżulta li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa żamm aċċess ġewwa *New Life Bar,* Bormla u eleva DVR, ċellulari iPhone u Samsung *tablet*. Illi jirriżulta li ma nħarġet l-ebda informazzjoni minn fuq it-*tablet* u ċ-ċellulari stante li t-*tablet* kien *unresponsive* u ċ-ċellulari *disabled.* Fir-rigward tas-sistema tas-CCTV, igħid illi din is-sistema ma kinitx qegħda tirrekordja stante li ma kienx hemm *hard disk drive* installata u d-DVR jintuża *view only.*

[29] A fol. 157 tal-atti proċesswali
[30] A fol. 164 tal-atti proċesswali
[31] A fol. 171 tal-atti proċesswali

**Carmelo Dalli**[32] wara li ġie mwissi mill-Qorti li għandu d-dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu, stante li għandu proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu, għażel li ma jixhidx.

Id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-**prova tal-volontarjeta' taż-żewġ dikjarazzjonijiet ta' rifjut tal-assistenza legali u taż-żewġ stqarrijiet tal-imputat**, immarkati bħala 'Dok FT 1' sa 'Dok FT 4' rispettivament[33].

Id-difiża ressqet is-segwenti xhieda prinċipalment in sostenn tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta:-

**Louis Buhagiar**[34] għan-nom tal-*Jobsplus* xehed nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u ppreżenta l-*employment History* tal-imputat. Din ġiet immarkata bħala 'Dok LB1'[35].

**Mari/a Caruana**[36] għan-nom tal-Aġenzija Caritas xehdet nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u stqarret li l-imputat kien għamel kuntatt mal-Aġenzija nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021). Tgħid li huwa qed iżomm kuntatt regolari permezz ta' sessjonijiet individwali ta' darba kull ħmistax. Tgħid li huwa qiegħed iħalli ukoll kampjun tal-urina darba fil-ġimgħa taħt is-superviżjoni tal-istaff tagħhom. Dawn irriżultaw fin-negattiv għal preżenza ta' sustanzi illeċiti. Tgħid li sa dak in-nhar kien ħalla tlett kampjuni. Hija ppreżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala 'Dok MC1'.[37]

**Dr. Roberta Holland** xehdet nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[38] u preżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala 'Dok RH 1'. Hija tikkonkludi li l-imputat kien dipendenti fuq is-sustanzi fiż-żmien tar-reat odjern. Hija tgħid li *"Skond id-djanjosi permezz tad-DSM-5, id-diżordni fl-użu mis-sustanzi kien ta' livell sever meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni is-sustanzi b'mod ġenerali. Huwa fil-fatt immarka fi tmien kriterji minn ħdax sabiex*

[32] A fol. 169 u 197 tal-atti proċesswali
[33] A fol. 197 tal-atti proċesswali
[34] A fol. 204 tal-atti proċesswali
[35] A fol. 206 tal-atti proċesswali
[36] A fol. 208 tal-atti proċesswali
[37] A fol. 210 tal-atti proċesswali
[38] A fol. 220 tal-atti proċesswali

*setgħet tingħata din id-djanjosi. Bħala djanjosi għas-sustanzi b'mod separat, din hija ta' Severe Cannabis Use Disorder [304.30], u Severe Cocaine Use Disorder [304.20]."* Fir-relazzjoni tagħha Dr. Roberta Holland tikkonkludi li jidher b'mod ċar li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu, li għamel progress konsiderevoli u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu. Dr. Holland tgħid ukoll li l-indikazzjonijiet kollha huma li d-deċiżjoni li ħa, kienet waħda li għamel b'determinazzjoni sħiħa u li baqa' jimxi magħha. Jidher ukoll li iżjed ma jgħaddi ż-żmien, il-progress tal-imputat iżjed qiegħed ikun konsolidat. Fir-rigward tal-każ odjern, l-espert tikkonkludi ukoll li l-imputat jidher li jerfa' r-responsabbilita' tiegħu u jesprimi sens ġenwin ta' rimors u li dan flimkien mas-support li għandu, kienu fatturi li għenuh fir-riabilitazzjoni.

**Stephania Calafato Testa**[39], Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali xehdet nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u stqarret li l-unika kawża li jidher li għandu pendenti l-imputat hija dik odjerna.

**L-ewwel (1) stqarrija**

L-imputat irilaxxa l-ewwel (1) stqarrija nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), fil-preżenza ta' WPS 238 Monica Chircop, wara li ngħata twissija mill-Ispettur Frank Anthony Tabone, li ma huwiex obbligat li jwieġeb għad-domandi li kienu ser isirulu, iżda dak kollu li jgħid jista' jinġab bħala prova. Huwa ngħata ukoll Ittra bid-drittijiet tiegħu, u għażel li ma jikkonsultax ma avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija, kif ukoll għażel li ma jkollux l-avukat tiegħu preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija.

Mistoqsi jekk jafx lil Lee Julian Cassar, magħruf bħala 'Tal-Muga', huwa jgħid li ma jafux. Huwa jikkonferma li kien ikun fil-bar bl-isem *New Life Bar* ġewwa Bormla. Mistoqsi ta' min hu dan il-bar igħid li ma jafx. Huwa għażel li ma jirrispondix għad-domanda, meta ġie mistoqsi x'kien ikun jagħmel ġewwa dan il-bar. Mistoqsi jekk jafx lil Carmelo Dalli jgħid li ma jafux. Dwar domandi oħra li ġew imposti lilu huwa għażel li ma jweġibx.

[39] A fol. 272 tal-atti proċesswali

**It-tieni (2) stqarrija**

L-imputat irilaxxa t-tieni (2) stqarrija nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), fil-preżenza ta' WPS 238 Monica Chircop, wara li ngħata twissija mill-Ispettur Frank Anthony Tabone, li ma huwiex obbligat li jwieġeb għad-domandi li kienu ser isirulu, iżda dak kollu li jgħid jista' jinġab bħala prova. Huwa kkonferma li ngħata Ittra bid-drittijiet tiegħu, u li għażel li ma jikkonsultax ma avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija u li ma jkollux l-avukat tiegħu preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija.

Fit-tieni stqarrija huwa jgħid li d-droga u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-droga li nstabu fil-bar bl-isem ta' *New Life Bar* ġewwa Bormla nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huma kollha tiegħu. Mistoqsi igħid x'inhi l-konnessjoni tiegħu ma *New Life Bar*, igħid li huwa jinżel jieħu kafe' f'dan il-bar u jgħid li ma kienx jaħdem f'dan il-*bar*. Mistoqsi ta' min hu dan il-*bar* jew min jieħu ħsiebu, huwa jagħżel li ma jweġibx. Mistoqsi għaliex kien iħalli r-raża tal-*cannabis* f'dan il-*bar*, jekk huwa m'għandu xejn x'jaqsam ma dan il-ħanut, igħid li hu kien iħalliha hemmhekk. Mistoqsi x'kien ser jagħmel bir-raża tal-*cannabis* li nstabet fil-kċina, huwa jgħid li dik kienet għall-użu personali tiegħu. Igħid li ilu xahrejn jagħmel użu mir-raża tal-*cannabis*. Mistoqsi kemm ipejjep raża tal-*cannabis,* igħid li ftit ipejjep.

Mistoqsi dwar is-sustanza bajda suspettata kokaina, li nstabet fil-kamra li tintuża bħala *store* fl-istess ħanut, huwa jgħid li dik id-droga hija tiegħu. Igħid li kien iżommha hemm. Mistoqsi dwar l-oġġetti li nstabu li għandhom x'jaqsmu mat-traffikar ta' droga, fosthom miżien, boroż bil-kantunieri nieqsa u *glucose powder* huwa jgħid li dawn huma kollha tiegħu u li kien iżommhom kollha hemm għax ma kellux fejn jagħmilhom. Mistoqsi jekk kienx qed ibiegħ d-droga kokaina minn ġewwa l-imsemmi ħanut, u jekk kienx qiegħed jippakja d-droga u jbiegħ minn hemmhekk, igħid li ma kienx ibiegħ minn hemmhekk. Huwa jgħid li qatt ma biegħ droga minn ġewwa n-*New Life Bar*. Igħid li kien ibiegħ d-droga kokaina u jieħu hu ukoll. Mistoqsi kif kien jagħmel sabiex ibiegħ il-kokaina u b'kemm kien ibiegħ il-kokaina, huwa għażel li ma jweġibx. Lanqas ma wieġeb meta ġie mistoqsi mingħand min kien qiegħed jixtri l-kokaina. Mistoqsi kemm kien ilu juża l-istore ta' dan il-*bar* biex jippakja l-kokaina, igħid li kien ilu jużah ġimgħa qabel ma ġie arrestat.

Mistoqsi dwar in-*notebooks* li nstabu fil-*bar*, li kien fihom id-dettalji ta' xi nies u ammonti ta' flus fejn isimhom, huwa jiċħad li dawk kienu d-dettalji tan-nies li xtraw id-droga minn dak il-*bar*. Igħid li huwa jħawwad l-affarijiet u jinsa u għalhekk jikteb. Mistoqsi x'irid ifisser meta jgħid "iħawwad l-affarijiet", igħid li jixtri u jbiegħ l-affarijiet. Igħid li d-*drillers* li nstabu huma tiegħu, pero jgħid li nesa kemm kien xtrahom u jgħid li l-persuna li xtara mingħandha ma jafiex. Igħid li xtrahom sabiex jaqla' lira. Mistoqsi x'iwieġeb jekk jingħad lilu li dawn id-*drillers* huma misruqin, igħid li ma jafx. Fl-istqarrija tiegħu, huwa jgħid ukoll li l-*mobile phone* u t-*tablet* huma tiegħu. Igħid li t-*tablet* iħallih fil-ħanut u jużah kulħadd.

Mistoqsi kemm ilu jaf lil Lee Julian Cassar, igħid li m'ilux jafu ħafna, xi xahrejn jew tlieta. Igħid li ma jafx Lee Julian Cassar jekk jużax it-*tablet* tiegħu. Huwa jikkonferma li Lee Julian Cassar kien qiegħed jiġestixxi dan il-*bar*. Mistoqsi jekk Lee Julian Cassar kienx involut miegħu fit-traffikar tad-droga minn dan il-*bar*, huwa għażel li ma jirrispondix. Huwa jgħid li t-traffikar tad-droga kokaina kien f'idejh u kien iżomm id-droga hemmhekk biex ħadd mill-familja tiegħu ma jinduna. Mistoqsi jekk Lee Julian Cassar kienx jaf li huwa kien qiegħed iżomm id-droga fil-ħanut bl-intenzjoni li jbiegħ l-istess droga, igħid li ma kienx jaf.

Huwa għażel li ma jweġibx meta ġie mistoqsi mingħand min kien jixtri d-droga kokaina u *cannabis*. Mistoqsi kemm kien jikkalkula li ibiegħ droga kuljum, igħid li *"Ftit kont inġib għaliha"*. Igħid ukoll li għandu l-vizzju tal-kokaina u tal-i*smoke*. Igħid li l-vizzju tal-kokaina u tal-i*smoke* kien qabadhom f'daqqa u jgħid li ilu b'dan il-vizzju għal madwar xahar. Igħid li m'għandux bżonn għajnuna.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi akwiżiti jirriżulta li nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Pulizija għamlet tfittxija fil-fond *New Life Bar* f'Bormla u hemmhekk instabu s-segwenti oġġetti:-

1. Blokka żgħira ta' kulur abjad suspettata droga kokaina, kif ukoll traċċi tal-istess sustanza, li nstabu fuq mejda f'kamra fis-sular ta' fuq;

2. Sustanza ta' kulur kannella suspettata *cannabis* f'borża li kienet ġewwa kontenitur tal-plastik, fil-kċina*;*

3. Oġġetti konnessi ma l-ispaċċ tad-droga fosthom boroż bla kantunieri, imqass, miżien elettroniku u *glucose;*

4. *Diary* ta' kulur blu tas-sena elfejn u sbatax (2017), formanti parti minn 'Dok FT 5', li fih diversi notamenti b'ismijiet u figuri ħdejhom. Fosthom pereżempju fil-paġna tad-djarju tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) stess hemm is-segwenti notamenti :- "Stefan € 250", "Noel € 200", "Joe Mark € 250". Notamenti simili jinsabu fuq paġni oħra tad-djarju.

5. *Notebook* żgħir ta' kulur aħdar ċar formanti parti minn 'Dok FT 5', li fuqu ukoll kien hemm diversi notamenti li jikkonsistu f'ismijiet u figuri, bħal *"Taljan 70", "Chantelle 500", Daniela "1800", Adreana, "1500", "Margaret 400 – 100".*

6. A4 *notebook*, formanti parti minn 'Dok FT 5', li fih ukoll hemm diversi notamenti ta' isimijiet u ammonti ta' flus. Pereżempju fl-ewwel paġna hemm miktub l-isem George u n-notamenti ta' "€ 300", "€ 1000 – 100";

Illi skond ir-rapport imħejji mill-espert Dr. Godwin Sammut jirriżulta li s-sustanza ta' lewn abjad li ġiet elevata hija d-droga Kokaina u dan fl-ammont ta' tlieta punt sebgħa tmienja grammi (3.78g) b'purita ta *circa* għoxrin fil-mija (20%), b'valur ta' bejn tmienja u sittin ewro u erbgħa ċenteżmi (€68.04) sa tliet mija u żewġ ewro u erbgħin ċenteżmu (€302.40). Jirriżulta ukoll li fuq il-miżien elevat, instabet is-sustanza Kokaina. Dwar is-sustanza kannella li ġiet elevata, jirriżulta li din hija *Tetrahydrocannabinoil* (THC) u li l-piż totali tas-sustanza kien ta' sitta u tletin punt tlieta sebgħa grammi (36.37g) u l-purita tat-THC kienet ta' circa wieħed u għoxrin fil-mija (21%). Jirriżulta ukoll li l-valur tal-*cannabis resin* misjuba huwa dak ta' bejn ħames mija u ħamsa u erbgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€545.55) u elf u wieħed u disgħin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€1091.11).

L-imputat fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu mmarkata bħala 'Dok FT4' jieħu responsabilita ta' dawn l-oġġetti kif ukoll tad-droga misjuba u cioe' tal-*Kokaina*

u tal-*Cannabis*. Igħid pero li d-droga *Cannabis* kienet qegħda hemm għall-użu personali tiegħu, filwaqt li d-droga Kokaina igħid li kien ibiegħha u kien jieħu għalih ukoll.

**L-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjoni**

Permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-*qua* imputat jinsab akkużat bit-traffikar tad-droga kokaina. L-artikolu 22(IB) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

> *"(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksurta' din l-Ordinanza":*

Il-Qorti tqis għalhekk illi sabiex l-imputat jinstab ħati tar-reat mertu tal-ewwel (1) imputazzjoni jeħtieġ li jiġi ppruvat illi huwa forna d-droga kokaina jew altrimenti offra li jforni din id-droga. Illi fit-tieni stqarrija tiegħu l-imputat stess igħid li d-droga u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-droga li nstabu fil-bar bl-isem ta' *New Life Bar* ġewwa Bormla nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huma kollha tiegħu. Mistoqsi dwar is-sustanza bajda suspettata kokaina, li nstabet fil-kamra li tintuża bħala *store* fl-istess ħanut, huwa jgħid li dik id-droga hija tiegħu. Igħid li kien iżommha hemm u jammetti li kien ibiegħ d-droga kokaina.

Illi tenut kont tal-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu, kif ukoll tal-provi l-oħra elenkati li jikkoraboraw l-involviment tiegħu fl-ispaċċar ta' droga kokaina, din il-Qorti hija moralment konvinta li din l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati ta' traffikar tad-droga kokaina ai termini tal-ewwel (1) imputazzjoni u per konsegwenza tal-pussess mhux għall-użu esklussiv tal-istess kokaina ai termini tat-tieni (2) imputazzjoni, u tal-pussess 'sempliċi' tal-istess kokaina ai termini tar-raba' (4) imputazzjoni.

**It-tielet (3) u l-ħames (5) imputazzjoni**

Illi permezz tat-tielet (3) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess mhux għall-użu esklussiv tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*. Jingħad illi sabiex persuna tinsab ħajta ta' pussess mhux għall-użu esklussiv, il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni jispaċċa d-droga. Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017):

> *'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati."*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Marius Magri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kawżi li jikkonċernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat:

> *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed*[40] *(Ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"** (26.8.1998)."*

Illi pero kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002),

> *"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax*

[40] Enfasi ta' din il-Qorti

*ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli".*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

*" ... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

Fil-każ in eżami, il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova fil-grad rikjest mill-liġi, kemm tal-ammont tad-droga misjuba, kif ukoll tal-pussess tal-istess droga. Kif ingħad, il-kontestazzjoni tal-imputat hija dwar il-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga *cannabis*, mertu tal-imputazzjoni numru tlieta (3) u dan stante illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat isostni illi tali droga kienet intiża esklussivament għall-użu tiegħu. Illi madanakollu, il-Qorti tqis illi l-provi juru mod ieħor in kwantu l-imputazzjoni ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga *cannabis*. Jibda biex jingħad fl-ewwel lok, illi l-ammont ta' raża li nstabet f'piż totali ta' sitta u tletin punt tlieta sebgħa grammi (36.37g), ma huwiex ammont li wieħed normalment jassoċjah ma' użu personali. Tqis ukoll li dan ma kienx qiegħed jinżamm fir-residenza personali tal-imputat iżda ġewwa n-*New Life Bar*.

Fir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li jirriżulta mill-atti li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern, jibqa' l-fatt, fil-fehma tagħha, illi l-imputat ma ġabx prova, imqar sal-grad tal-probabli, sabiex jiġġustifika l-fatt illi huwa kien kien iżomm sitta u tletin punt tlieta sebgħa grammi (36.37g) *cannabis* fin-*New Life Bar*.

L-ispjegazzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tiegħu, hija ukoll inverosimili, għal dak li jirrigwarda l-varji notamenti ta' ismijiet u ċifri miktubin fin-*notebooks* li nstabu fl-istess ħanut, li l-imputat ammetta li huma tiegħu. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat meta ġie mistoqsi x'użu kien jagħmel minn dawk in-*notebooks*, igħid li *"Jiena nħawwad u nikteb, allaħares ma niktibx għax kieku ninsa."* Mistoqsi x'irid igħid bil-kelma "iħawwad", igħid li joqgħod jixtri u jbiegħ, bħal pereżempju jixtri *driller* jew jixtri xi ħaġa oħra, u jikteb. Huwa diffiċli ferm li din il-Qorti temmen din il-verżjoni li ta l-imputat. Illi n-notamenti li ġew elevati mill-ħanut, flimkien mal-oġġetti l-oħra kollha relatati mad-droga li nstabu, li l-imputat ammetta li huma tiegħu, ma jħallux dubju li dawn in-notamenti jirreferu għad-droga.

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti m'għandhiex dubju li d-droga *cannabis* hekk misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi it-tielet (3) imputazzjoni kif miġjuba kontra l-imputat, tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mill-liġi. F'dan il-kuntest, jirriżulta wkoll ir-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga *cannabis* u għaldaqstant il-ħames (5) imputazzjoni ukoll ġiet sodisfaċentement ippruvata, iżda din ser tiġi meqjusa bħala assorbita fit-tielet (3) imputazzjoni.

**Is-sitt (6) imputazzjoni**

L-imputat ġie addebitat ukoll bir-reċidiva. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) -vs- Mario Roberts, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasquale. Illi minn din is-sentenza jirriżulta li n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik il-kawża huwa identiku għal dak tal-imputat odjern u għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat f'dik il-kawża kien proprju l-imputat tal-llum. Madanakollu l-Qorti tqis illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma provdiet l-ebda prova li turi jekk is-sentenza ndikata kinitx tagħmel stat fil-konfront tal-imputat, ossia jekk dinn kinitx *res judicata* jew kinitx soġġetta għal xi appell fil-jum li fih l-istess imputat ikkommetta r-reati li huwa qiegħed jinstab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Dwar il-piena**

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura serja tal-imputazzjonijiet li tagħhom qiegħed jinstab ħati, l-ammont ta' droga misjuba u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Tqis ukoll il-fedina penali aġġornata tal-imputat minn fejn jirriżulta li l-imputat għandu żewġ kundanni. L-ewwel kundanna tirrisali għas-sena elfejn u ħmistax (2015), dwar reati li joħorġu mill-Ordinanza tat-Traffiku u l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, fejn l-imputat kien nstab ħati u ġie kkundannat għal ammenda komplessiva ta' mija u ħamsin ewro (€150). It-tieni kundanna ġiet reġistrata fis-sena elfejn u tmintax (2018) meta l-imputat instab ħati ta' żewġ kontravenzjonijiet u ngħata garanzija skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien ta' sena.

Tqis ukoll li din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u li l-imputat kien ġie riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, kif ukoll il-fatt li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Tqis li mill-provi mressqa fl-atti proċesswali jirriżulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabiltajiet, li r-reati ta' traffikar tad-droga kokaina u pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga kokaina u d-droga *cannabis resin* li dwarhom qiegħed jinsab ħati l-imputat, kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Għalhekk tenut kont li din il-Qorti hija sodisfatta li jirriżulta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ai termini tal-istess sub-artikolu, tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, li huma altrimenti applikabbli għar-reati ta' traffikar u ta' pussess aggravat tad-droga li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet III, IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Mario Roberts** mhux ħati tas-sitt (6) imputazzjoni u tilliberah minnha, fil-waqt illi qegħda ssibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien erba' (4) snin mill-llum, kif ukoll multa ta' tlett elef ewro (€3000).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin ewro (€150). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien wieħed u għoxrin (21) xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati iħallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-somma ta' elf, erba' mija u sitta u tletin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€ 1436.64), rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti Godwin Sammut[41], PC 637 Kevin Manicolo[42], WPC 369 Stephanie

[41] Mir-relazzjoni ta' Godwin Sammut, immarkata bħala 'Dok GS 1' u nserita a fol. 56 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal tliet mija u żewġ ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€ 302.81).
[42] Mir-relazzjoni ta' PC 637 Kevin Manicolo, immarkata bħala 'Dok KM 1' u nserita a fol. 99 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal tlieta u tmenin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€ 83.71).

Cassar[43], Dr. Martin Bajada[44], Joseph Mallia[45] u PC 813 Clinton Vella[46] f'dawn il-proċeduri, liema somma għandha titħallas fi żmien għaxar (10) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għall-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga, Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara

---

[43] Mir-relazzjoni ta' WPC 369 Stephanie Cassar, immarkata bħala 'Dok SC 1' u nserita a fol. 110 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal mitejn u erbgħa u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€274.60).

[44] Mir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, immarkata bħala 'Dok MB 1' u nserita a fol. 173 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal ħames mija u ewro u ħamsin ċenteżmu (€ 501.50).

[45] Mir-relazzjoni ta' l-espert Joseph Mallia, immarkata bħala 'Dok JM' u nserita a fol. 40 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal sitta u sebgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€76.82).

[46] Mir-relazzjoni ta' PC 813 Clinton Vella, immarkata bħala 'Dok CV 1' u nserita a fol. 158 tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal mija u sebgħa u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€197.20).